**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN 13 ta' JANNAR, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsillieri, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **20.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 20.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta'appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **20.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 20.2.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt 19.4.4. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-DLG ma tawx approvazzjoni fuq il-proposta. |
| | | |
| 20.2.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li jeħtieġ li l-Cleansing Malta tkun imfakkra biex tnaqqas l-għoli tal-bankijiet li waħħlet fi Ġnien l-Ewropa. |
| | | |
| 20.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tad-dsatax - il seduta. |
| | | |
| ***20.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 20.3.1 | | Is-Sindku qalet li l-Kunsill ġie avviċinat biex jagħmel kors tal-first aid fis-sala tal-Kunsill għal mhux aktar minn 20 persuna. Dan il-kors isir minn persuni |

| | | |
|---|---|---|
| | | professjonisti u jikkonsisti f'9 siegħat. Jiswa 55Euro u jingħata pakkett ta' 6Euro li jibqa għall-parteċipant. Wara jingħata ċertifikat. Kien hemm qbil li l-kors hu ogħli fejn oħrajn li joffru l-istess korsijiet. Kien hemm qbil ukoll li minħabba l-problema tal-Covid, għalissa ma jsir xejn. |
| | | |
| 20.3.2 | | Is-Sindku qalet li l-kunsill kellu ilment li l-isem tat-Triq Antonia Farrugia ex Sindku, tiġi Sindku u mhux ex. Il-kumitat ismijiet tat-toroq infurmaw li jekk persuna tkun mietet mhux waqt li tkun fil-kariga, l-isem jinkiteb ex. Għalhekk l-isem tat-triq ser jibqa dak li hu.<br><br>F'dan il-ħin is-Sindku ressqet proposta biex tissemma triq għal ex Sindku Salvu Saliba. Kien hemm qbil li l-ewwel triq li jkun hemm fin-Nigret tissemma għalih. |
| | | |
| 20.3.3 | | Is-Sindku qalet li l-programm 'Kwarta tikka' intgħażel ir-raħal ta' Ħaż-Żebbug u ż-Żurrieq ġie fit-tielet post. |
| | | |
| 20.3.4 | | Is-Sindku qalet li rappreżentanza tal-Kunsill kellhom laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli, fejn laqgħat lill-Kunsill tajjeb ħafna u uriet li lesta li tgħin. |
| | | |
| 20.3.5 | | Is-Sindku qalet li tkellmet ma' rappreżentanti tal-armar tal-festi, biex jgħatu idejat u stimi fuq tiżjien tal-Milied. Kif ikollha aktar informazzjoni ser tressaqha fil-Kunsill. |
| | | |
| 20.3.6 | | Persuna kitbet lill-Kunsill u lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici u lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Stefan Zrinzo Azzopardi, biex isiru double yelow lines fi Triq Santa Katarina għax ma tkunx tista iddaħħal il-vetturi ġol-garage tagħha. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob il-parir ta' Transport Malta. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***20.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 20.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignaitus Farrugia qal li l-Kunsillier Marisa D'Amato f'wieħed mill-programmi tagħha, semmiet il-problema tat-torrijiet tas-central strip tal-bebbux ta' Triq il-Qrendi. Hu ġie ikkuntatjat minn ħaddiem li lest li jagħmilhom. Bagħat stima tax-xogħol li ġej jiswa 3,200Euro + vat, għal sitt torrijiet. Kien hemm qbil fuq dan u li tintbagħat l-ordni tax-xogħol.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia faħħar lill-Kunsillier Joseph D'Amato u lis-sotto kumitat kultura, tal-kalendarju li inħareġ din is-sena u li hemm bżonn li ssir quddiesa għad unur għall-Profs P P Saydon.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dan ġie mitkellem waqt il-laqgħa tas-sotto kumitat kultura u minħabba l-pandemija jinsab on hold. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 20.4.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jeħtieġ li l-Kunsill ikellem mal-Ministeru tar-restawr kulturali biex in-niċeċ li għandhom bżonn manutenzjoni jsiru minnu. Is-Sindku qalet li identifikat żewġ niċeċ imma l-Kunsill ma jistax jibbenefika minn fondi tal-Ewropa f'din is-sena minħabba li l-Kunsill diġa qed jibbenifika. |
| | | |
| 20.4.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li:<br>• intalbet biex issir bozza fl-isqaq ta' bejn Triq Wied Babu u Triq il-Wied. Kien hemm qbil jiġu kkuntatjati l-persuni li joqgħodu hemm biex naraw jaċċettawx bozza mal-propjeta tagħhom.<br>• hemm kanal fi Triq il-Wied biex jitwitta. Ser jittieħdu ritratti biex jiġi ċċekjat il-każ.<br>• Quddiem iċ-ċimiterju, t-triq niżlet u l-ilma qed jittajjar mad-djar. Kien hemm qbil li ssir lista ta' dawn it-tip ta' toroq li għandhom problema u nibgħatuha lill-Infrastructure Malta.<br>• Biex titneħħa s-sleeping pliceman fi ta' Triq it-torri – Kien hemm qbil li l-persuna li trid li titneħħa tibgħat bil-miktub li ma tridix u l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| 20.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Hemm problema ta' drenaġġ fil-garaxxijiet tar-residenti fi Vjal il-Blue Grotto. Hi qalet li ma jistax ikun li r-residenti joqgħodu jistennew sakemm issir is-service road bit-tarmakk, biex tissolva l-problema tagħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-Ministeru.<br>• Kien hemm talba biex darba fil-ġimgħa jsiru klassijiet tal-yoga jew pilatis fiż-Zurrieq. Din il-class hi safe għal dan iż-żmien għax l-equipment ikun personalizzat u l-parteċipanti jkunu spazjati minn xulxin. Hi ssuġġeriet li tintuża s-sala tal-iskola għal dan il-għan. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li s-sala tal-iskola/kunsill l-ewwel prijorita hi għall-orkestra. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li taf persuna li tgħallem il-yoga li tista tgħidilha tagħmel dawn it-tip ta' klassijiet. Kien hemm qbil li tinġib aktar informazzjoni u l-Kunsil ljagħmel avviż fuq fb meta jkunu ser jibdew tali klassijiet. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi lesta li tieħu l-inkarigu biex tiftaħ u tagħlaq hi personali s-sala tal-iskola/kunsill.<br>• Saret talba mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, biex iħaffru toqob għall-festa fi Triq il-Kbira u li s-soċjeta l-oħra tista tuża l-istess toqob, bil-covers tal-plastik. Tali toqob isiru fuq il-bankina għax fejn qedgħin bħalissa, it-trofej li jintramaw fihom, dejjem qed jintlaqtu mill-vetturi. Dawn diġa għandhom permess minn TM u qed jitolbu permess tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill japprova dan ġaladarba hemm il-permessi meħtieġa minn TM. Kien hemm qbil li din it-talba ssir bil-miktub. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 20.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia li :<br>• Jeħtieġ li jitnaddfu l-ispralli ta' madwar iż-Żurrieq kollu,<br>• issuġġerixxa li f'kull ġnien ikun hemm main tal-ilma imsakkar u jinfetaħ biss minn min ikun ser isaqqi. Dan għaliex ma jistax ikun li b'bowser wieħed ma ssaqqix s-soft areas liż-Żurrieq kollu. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu flimkien ma persuna oħra lesti li jsaqqu huma stess. Kien hemm qbil li ssir applikazzjoni meħtieġa.<br>• Fi Triq Kanonku Vincenz Balzan k/m Triq il-Bebbux hemm bozza itteptep.<br>• Minn Dar Mattia Preti dieħel l-ilma għand ir-residenta ta' taħt il-propjeta. Kien hemm qbil li l-Kunsill iqabbad persuna fuq dan il-qasam.<br>• Inqalat problema fuq li trakkijiet li ma jistgħux jgħaddu minn Triq il-Kunċizzjoni għalkemm il-Kunsill għamel id-double yellow lines. Vetturi xorta jipparkjaw u jostakolaw it-traffiku. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li jitwaħlu bollards. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li r-resident aċċetta li l-poles jitwaħlu quddiem ir-residenza tiegħhu. Kien hemm qbil li ssir talba lill-TM.<br>• Triq Espeditu Deguara l-wiċċ tat-triq mhux magħmula. Dawn jixtiequ li jitpoġġa materjal biex titwitta. Ma kienx hemm qbil li fejn mhux responsabilta tal-Kunsill isir xi ħaġa mill-Kunsill.<br>• Biex isir sprall jew bħal tumbata fi Triq Federiku biex l-ilma jinżel lejn Triq San Leopoldu. Kien hemm qbil li s-Sindku tkellem lir-residenti tal-madwar.<br>• Fi Frar ser jitħawlu mal-400 mitt siġra bla ħlas. |
| | | |
| 20.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li meta jiġu ta' TM jagħtuna parir biex issir humped/raised roundabout fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• F'laqgħat preċedenti l-Kunsill kien approva li jitħawlu 6 siġriet li kienu ser ikun mixtrija minn Ministeru. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret kwotazzjoni u qalet li jistgħu jinxtraw.<br>• Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li min ikun irid juża l-Mitħna tax-Xarolla irid jimxi mal-bye law tal-Kunsill u jekk ma jkunx lest li jimxi mal-proċedura ma jkunx aċċettat.<br>• Il-Kunsill kiteb biex jaraw kemm il-ċitazzjonijiet inqalet fil-pjazza. S'issa għadhom ma tawnix lista. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jitlob lista ta' ċitazzjonijiet li ingħataw.<br>• Jeħtieġ li l-Kunsill jerġa jagħmel reminder lis-Segretarju Permanenti tal-istorm water fuq laqgħa.<br>• Biex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Perit David Vassallo u jistaqsi fuq il-problemi li hawn fiż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li tkellmet miegħu illum stess u qal li ser jieħu azzjoni.<br>• Jeħtieġ li l-Kunsill jikteb lill-Perit David Vassallo fuq tas-soak away ta' Triq Sant Agatha.<br>• Tinkiteb email lis-Sur Frederik Azzopardi fuq Triq is-Sienja biex isirilha wiċċ urġenti, issa li tela ħafna bini fiha u li hemm diversi residenti joqgħodu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Insista li l-Kunsill jerġa jikteb lill-Lesa u tintalab il-lista ta' ċitazzjonijiet li ttieħdu f'Misraħ Repubblika. Hu qed jallega li għandu dubji serji jekk is-cctv hix taħdem u jeħtieġ li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni biex titħaddem. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-cctv tal-Misraħ qed titħaddem żgur, għax fil-Kunsill jiġu diversi nies jilmentaw u jħalsu t-taħrikiet. |
| | | |
| 20.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• fejn Garden of Eden hemm arblu imsaddad li mhux qed jiġi użat, jeħtieġ li jitneħħa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Bidwi kellu problema b'siġar ġodda li tħawlu fejn l-għelieqi tiegħu fl-akwata ta' wara ġnien il-ġibjun. Il-Kunsill ħa parir tal-espert tal-kunsill fuq agrikoltura, li qal li tali siġar ser ikunu ta' problema għas-sitema agrikola ta' dan il-bidwi imma espert minn Infrastructure Malta ma qablitx. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-Infrasturcture Malta u jinsisti li jekk ma jsirx dak li qal l-espert tal-Kunsill għandha ssir laqgħa bejniet iż-żewġ esperti u l-Kunsill fuq dan ir-rigward.<br>• Problema ta' bozza li qatt ma xegħlet fejn il-grawnd u siġra li qed tkun perikoluża minħabba li qed isserraħ fuq cables tad-dawl. Kien hemm qbil li jsir rapport. |
| | | |
| 20.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• s-central strip ta' Vjal il-Blue Grotto jeħtieġ li jsir dawl għax xorta ma jidhrux. Hu talab biex dawk is-central strips jinżebgħu puliti. Dawn isiru minn Transport Malta inkluż il-ħadid ta' fejn it-traffic lights.<br>• Siġar ħerġin minn għelieqi minn Triq Ħal Far jeħtieġ li jinżabru. Ser jinġib permess tal-ERA.<br>• Hemm *sleeping policeman* jeħtieġu manutenzjoni fi Triq Hal Far.<br>• Refresh taż-żebgħa fi Triq Napuljun<br>• Ħajt privat li jdawwar plot vojta fi Triq Napuljun, qed jisfronda għax intlaqat minn xi vettura. Kien hemm qbil li jsir rapport l-għassa.<br>• Fi Triq Fortunato Dalli quddiem childcare centre hemm żewġ arbli biex jitneħħew għax qed itelfu lill-vetturi milli jiftħu l-bieba mingħajr ma jolqtuhom.<br>• Fi Triq Fortunato Dalli hemm double lines li qedghin għal persuna waħda biex darba f'sena tkun tista toħroġ id-dagħjsa mill-garage. Il-Kunsill ser jara il-każ.<br>• Wara li jsir manutenzjoni tal-armar tal-Milied ta' Triq P P Saydon, dawn għandhom jibdew jintramaw fin-Nigret minn sena oħra. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Irringrazzja lil kulħadd għall-attivita sabiħa li saret fil-Milied għat-tfal, billi kien hemm vettura b'father christmas, iddur it-toroq u tferraħ lil kull min kien preżenti. |
| | | |
| ***20.5*** | | **Rapporti – Appraisal reports tal-impjegati** |
| 20.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet 4 rapporti li ħejjiet fuq l-*appraisal* tal-impjegati. Hi ssuġġeriet li l-impjegati kollha jingħataw l-għola ammont ta' *performance bonus* |

| | | |
|---|---|---|
| | | ta' 6%, għal fatt tal-koperazzjoni u l-ħidma tagħhom tul is-sena li għaddiet li tant kienet impenjattiva għall-fatt tal-problema tal-pandemija. **Dok 1 mehmuż**<br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 20.5.2 | | Is-Sindku Rita Grima ressqet ir-rapport ta' *appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mis-seduta.<br>Kien hemm qbil unanimu fuq l-għoti tal-għola ammont ta' *performance bonus* 10%, għas-Segretarju Eżekuttiv. Rapport anness. **Dok 2 mehmuż.** |
| | | |
| 20.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena, imħejji mill-accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat. **Dok 3 mehmuż** |
| | | |
| **20.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| ***20.6a*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 20.6.a. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Ġiet approvata t-traffic management li ressaq il-Kunsill fuq Triq il-Qrendi, Triq il-Ħaddiema u Triq San Pietru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tordna x-xogħol ta' tabelli u ser tinforma lill-pubbliku li l-bdiel ser isir minn nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar.<br>• Il-Kunsill irċieva email mingħand resident ta' Triq l-Imtali biex titneħħa s-sleeping policeman li saret quddiem ir-residenza tagħha minħabba li qed tagħmel ħafna ħsejjes. Dan l-item diġa tressaq minn Kunsillier fis-seduta preċedenti. Il-Kunsill ser iġib permess minn TM biex tinteħħa dik mitluba. |
| | | |
| ***20.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 20.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsili Lokali numru 40. |
| | | |
| ***20.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 20.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€63,198.66**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Kaydem Schembri. |
| | | |

| ***20.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
|---|---|---|
| | | |
| 20.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _24__ ta' FRAR, 2021

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**